*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/xx

# Il-verżjoni l-ġdida ta' Chesar bħala mezz li jħejji bis-sħiħ rapport konformi dwar is-sigurtà kimika

## Dan l-aħħar żdiedu funzjonalitajiet ġodda fl-għodda tal-Valutazzjoni u r-Rapportar tas-Sigurtà Kimika tal-ECHA (Chesar) sabiex titqawwa l-għajnuna fit-tħejjija tar-rapporti dwar is-sigurtà kimika. Wara li diġà ġew koperti għodod ta' valutazzjoni għall-ambjent u għall-ħaddiema, issa, għall-ewwel darba, fis-sistema ddaħħlet għodda li tagħti stima tal-esponiment lill-konsumaturi. L-ECHA tirrakkomanda li r-reġistranti jużaw Chesar 2.1 biex iħejju jew jaġġornaw id-dossiers tar-reġistrazzjoni tagħhom.

**Ħelsinki, 24 ta' Ottubru 2012** – Il-verżjoni l-ġdida ta' Chesar fiha funzjonalitajiet ġodda li jgħinu lir-reġistranti jagħmlu l-valutazzjonijiet tagħhom dwar is-sigurtà kimika (CSAs). Bħala funzjonalità ġdida, l-għodda tal-valutazzjoni tal-esponiment li tfasslet għall-kosumaturi mill-ECETOC, tinkorpora fiha valutazzjoni mmirata tar-riskji (TRA). Barra dan, l-utenti ta' Chesar issa jistgħu jirrapportaw ir-rilaxxi fl-iskart b'mod strutturat u jiddeskrivu aħjar l-approċċ ta' valutazzjoni meħud fir-rigward tal-perikli għas-saħħa tal-bniedem li jistgħu jiġu kkawżati mill-flammabbiltà, mill-esplożività jew mill-potenzjal ossidanti tas-sustanza inkwistjoni. B'dawn il-funzjonalitajiet il-ġodda r-reġistranti issa jistgħu jużaw Chesar biex jagħmlu rapport komplut dwar is-sigurtà kimika (CRS) li jinkludi xenarji ta' esponiment għall-użi kollha ħalli jiġu ddokumentati u kkontrollati r-riskji possibbli għall-ħaddiema, għall-konsumaturi u għall-ambjent.

Chesar 2.1 toffri wkoll il-possibbiltà li jibdew jitħejjew xenarji ta' esponiment għall-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista. L-għodda tinkludi librerija ta' frażijiet standard li jistgħu jintużaw fil-komunikazzjoni tar-riżultati rilevanti tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà kimika għall-utenti downstream. L-għodda Chesar 2.1 issa tista' timporta f'din il-librerija katalgi ta' frażijiet standard, bħal frażijiet ESCom li tfasslu mill-Kunsill Ewropew tal-Industrija Kimika Cefic*, ġaladarba dawn ikunu disponibbli f'format kumpatibbli ma' Chesar. L-aġġornament li jmiss ta' ESCom, li huwa ppjanat għal qabel tmiem din is-sena, mistenni jipprovdi dan il-format.

Il-verżjoni ta' Chesar li jmiss (2.2) ser tkun tista' tiġġenera x-xenarji ta' esponiment għall-komunikazzjoni u mistennija titnieda fl-ewwel kwart tas-sena 2013.

* *ara http://www.cefic.org/Industry-support/Implementing-reach/IT-Tools/*

## Aktar informazzjoni

Is-sit elettroniku ta' Chesar
http://chesar.echa.europa.eu/

Il-paġna tal-Ħelpdesk tal-ECHA għall-feedback
http://apps.echa.europa.eu/forms/cms_helpdesk_form.aspx

Webinar dwar il-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika (CSA 1) għar-reġistranti taċ-ċomb tas-26 ta' April 2012
http://echa.europa.eu/support/training-material/webinars

Webinar b'turija lajv dwar il-verżjoni beta Chesar 2.0 (CSA 2) tal-21 ta' Mejju 2012
http://echa.europa.eu/support/training-material/webinars